MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 229/2003

**Registratur tal-Qorti**

**vs**

**Joseph Balzan u Dambal Caterers Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 t' April tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi wettqu disprezz lejn il-Qorti talli fil-5 ta' Dicembru tas-sena 2002 f'Timeo Restaurant, Triq Ghar ix-Xama, Marsaskala, waqqfu l-elevazzjoni ta' l-oggetti maqbuda bil-mandat ta' qbid numru 1625/2002/CX, liema

mandat kien gie esegwit fil-prezenza ta’ l-istess Joseph Balzan, fl-istess post fit-8 ta’ Awissu tas-sena 2002;

Illi jirrizulta li l-konvenuti setghu biss jigu debitament notifikati wara li l-attur ezawrixxa l-possibilitajiet kollha biex jaghmel dan skond il-ligi wara li dan involvieh f’perijodu estremament twil;

Innotat li l-konvenuti baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jisthgu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fit-18 ta’ Lulju tas-sena 2002 Marixxall tal-Qorti kien gie regolarment ordnat jezegwixxi mandat ta’ qbid bin-numru 1625/2002, fl-ismijiet Steven Louis Agius vs Dambal Caterers Limited, (ara fol 48);

2. Illi meta l-istess marixxall mar jezegwixxi l-imsemmi mandat fil-fond “Timeo Restaurant”, ta’ Triq Ghar ix-Xama, Zonqor Point, Marsascala, u kien prezenti l-konvenut Joseph Balzan, (ara fol 52);

3. Illi l-oggetti maqbuda huma indikati a fol 50;

4. Illi wara talba appozita ghall-elevazzjoni ta’ l-oggetti hekk maqbuda l-istess Joseph Balzan rega’ kien prezenti u din id-darba jidher li nforma lill-Marixxall ezekutant li mar jezegwixxi l-imsemmija elevazzjoni fil-5 ta’ Dicembru tas-sena 2002 bis-segwenti:

a. Illi l-post fejn kienet ser issehh l-elevazzjoni ma kienitx aktar tieghu;

b. Illi allura ma kienx ser jippermetti li tigi effettwata l-elevazzjoni ta’ l-oggetti rikjesta;

5. Illi ghal din l-oppozizzjoni l-marixxall involut informa lill-imsemmi konvenut li xorta ma setghetx jistultifika l-ordni tal-qorti u jekk l-istess konvenut kien ser jippersisti l-marixxall informah li ma kellu l-ebda alternattiva hlief li jestendi rapport lill-awtorita’ kompetenti;

6. Illi nonostante dan, l-imsemmi konvenut baqa’ jippersisti fl-opposizzjoni tieghu u effettivament ma halliex lill-marixxall jaqdi d-doveri tieghu;

7. Illi in vista tal-premess, certu Steven Louis Agius ipprezenta rikors fejn insista li jittiehdu passi opportuni fil-konfront tal-konvenuti fuq indikati, (ara fol 53);

8. Illi pero’ jirrizulta wkoll li l-istess Agius indikat fil-paragrafu precedenti ipprezenta kontromandat ghall-mandat originali tieghu datat il-25 ta’ Gunju tas-sena 2004;

9. Illi l-konvenut Joseph Balzan jirrizulta li hu direttur ewlieni fis-socjeta’ konvenuta Dambal Caterers Limited:

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn trid tizgombra mill-kamp ta’ l-azzjoni in dizamina l-kwistjoni tal-presenza tas-socjeta’ konvenuta;

Illi jirrizulta pacifiku li socjeta’ ma tistax tagixxi kriminalment, kwazi – kriminalment jew b’disprezz lejn xi awtorita’ kompetenti stante li dan hu rizervat prettament ghall-azzjonijiet maghmulin minn persuna fizika;
Illi ghal daqstant qed tillibera lis-socjeta’ konvenuta Danbal Caterers Limited mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-agir tal-konvenut rimanenti Joseph Balzan ghandu preliminarjament jinghad li l-kontromandat fuq imsemmi jirrizulta li sar ferm wara l-agir ta' ostruzzjoni tal-konvenut u ghalhekk qed jigi dikjarat li hu ghal kollox irrelevanti;

Illi rigward il-fatti kif fuq sintetikament esposti jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-marixxall involut kien qed jezegwixxi ordni legittima minn awtorita' gudizzjarja kompetenti;

2. Illi l-konvenut Joseph Balzan, bl-agir tieghu fuq indikat kien qed jimpedixxi l-attwazzjoni ta' dan l-ordni legittimu;

3. Illi ghalhekk l-istess agir tal-konvenut jikkostitwixxi disprezz tal-qorti;

Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' t-talba attrici kif fuq limitata u tikkundanna lill-konvenut Joseph Balzan b'disprezz tal-qorti;

Rat ghalhekk l-artikolu 998 tal-kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12, u tikkundanna lill-konvenut Joseph Balzan ghal multa ta' hames mitt Lira Maltin, (Lm500.00,0);

Rat ukoll l-artikolu 14 (1) tal-Kodici Kriminali, Kap 9, u tordna li fin-nuqqas il-multa hekk inflitta tigi konvertita f'perjodu ta' prigunerija bir-rata ta' hames Liri Maltin, (LM5.00,0), kuljum.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------